**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 085/2019**

**NZ (l-ilmentatur)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Ltd. (C 3143)**

**(il-provditur tas-servizz/l-assikurazzjoni)**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur qed jissottometti illi huwa kien inxurjat mal-provditur tas-servizz u waqt li kien vakanza fi Sqallija kellu incident f'saqajh ix-xellugija u jhoss li ghandu jigi ikkumpensat ghaliex saqajh qatt mhi ser terga' tigi kif kienet.

Jghid li l-provditur tas-servizz naqsu ghaliex filwaqt li ried ihallsu tal-ispejjez biex gie lura minn Sqallija ma jridx jikkumpensah tal-accident personali li garrab.

Huwa qed jitlob kumpens li mhux kwantifikat fl-ilment[1] ghax, kagun tal-incident, li kien kopert bil-polza tal-assikurazzjoni, ghaddej minn zmien difficli u saqajh qatt mhi ser tigi kif kienet qabel.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid**:

[1] Izda fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020, qal li qed jippretendi €20,000 (*a fol.* 111)

*GasanMamo Insurance Ltd* tirreferi ghall-ilment tal-ilmentatur fejn talab kumpens taht is-sezzjoni '*Personal Accident'* tal-polza tal-assigurazzjoni tas-safar li ghamel ma' *GasanMamo Insurance Ltd.*

Is-sezzjoni '*Personal Accident'* toffri kumpens f'dawn ic-cirkostanzi:

- *Death*
- *Loss of one or more limbs and/or total loss of sight in one or both eyes*
- *Permanent TOTAL disablement after 104 weeks EXCEPT when benefit is paid for loss of limbs or sight*

Il-polza tiddefinixxi '*permanent total disability'* bhala *'permanent & total disablement from engaging in or attending any kind of profession or occupation*.'

Mill-informazzjoni medika li l-klijent ta lill-kumpanija assikuratrici, jidher li hu kiser l-ghaksa ta' siequ x-xellugija meta waqa' waqt il-btala tieghu fl-Italja.

Waqt li l-kumpanija assikuratrici tifhem li wegga', u ghadu jbati l-konsegwenzi, dan il-korriment mhuwiex '*a Permanent & Total Disablement as defined'*.

Jinghad ukoll li wahda mill-kondizzjonijiet applikabbli biex wiehed ikun jista' jiehu kumpens ghal '*Permanent & Total Disablement'* hija li jrid ikun qieghed jahdem *'full time'* fiz-zmien tal-incident. Peress li NZ huwa pensjonant, huwa mhuwiex eligibbli ghal *claim* taht din is-sezzjoni partikolari.

Mehmuz ma' din ir-risposta hawn kopja tal-'*Personal Accident Section D'* tal-polza b'referenza cara ghal dak li qieghed jigi kkwotat hawn fuq.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

Dan huwa kaz fejn l-ilmentatur jghid li garrab incident waqt li kien qed jizfen fi Sqallija u dan l-incident holoqlu dizabilità parzjali permanenti f'siequ x-xellugija.

Huwa qed jghid li hu kopert ghal dan l-incident bil-polza li kellu mal-provditur tas-servizz.

Min-naha tieghu, il-provditur tas-servizz jghid li filwaqt li l-assikurazzjoni offrietlu li thallsu ghall-parti tat-*travel*, haga li l-ilmentatur ma accettax, ma setghetx tonora l-*claim* ghaliex l-incident li garrab l-ilmentatur ma kienx assikurat skont il-polza li kellu.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentatur**

L-ilmentatur xehed quddiem l-Arbitru fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2020. Huwa jghid li kien vaganza fi Sqallija ma' xi hbieb f'Palermo u kif kien fil-lukanda, nizel jizfen ma' shabu u gralu incident fis-sens li waqt li kien qed jizfen, rifes qoxra ta' lumija, waqa' u kiser l-ghaksa minn tliet ibnadi. Haduh l-isptar ta' Palermo u wara li kkuntattja lit-tabib tieghu f'Malta, dan qallu biex jigi Malta u jkompli bil-kura hawnhekk.

Meta ttiehed l-isptar f'Malta qalulu li kellu *triple fracture.*

Il-mara u t-tifla infurmaw b'dan lill-assikurazzjoni u imlew formola tal-*claim.* L-ilmentatur ghamel tlett operazzjonijiet in konnessjoni ma' dan l-incident. Wara l-ewwel operazzjoni ghal xahar shih ma setax jimxi u wara erba' xhur seta' biss imiss siequ mal-art. Ghaddew sena u erba' xhur u sahhtu marret lura. Ghamlulu xi *bolts* f'saqajh u qalulu li kellu dizabilità parzjali ghal dejjem u ma jistax jahdem aktar.

Jghid li l-assikurazzjoni tawh xi spejjez tal-ivjaggar imma ma hallsuhx tad-dizabilità. Ir-raguni li tawh meta rrifjutaw il-*claim* kienet li hu ma kienx jahdem u peress li kien *pensioner* ma setax jiehu l-kumpens. Qalulu wkoll li peress li hu kellu *basic insurance* ma kienx kopert ghal incidenti li ma jigrux waqt il-hin tax-xoghol. Jghid li veru li hu kien *pensioner,* imma issa anke jekk irid jahdem ma jistax.

Jghid li meta mar din il-*holiday* ma kienx jahdem, kien *pensioner,* però, kien jiffranka l-flus ghax dak kollu li kien ikollu bzonn kien jaghmlu hu u ma jqabbadx lin-nies u anke kien jahdem f'bicca ghalqa.

Talab is-somma ta' €20,000 ghax jghid li qed ifittex ix-xoghol u qed isibha difficli hafna minhabba saqajh peress li jaghmel xoghol manwali. Kien jahdem bhala *ship repairer* u, ghalhekk, issa ma jistax jaghmel dak ix-xoghol.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

John Galdes, ghall-provditur tas-servizz, xehed[2] li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-incident li garrab l-ilmentatur u, allura, ma tistax tkun *a liability claim.*

Il-polza kienet *a travel insurance policy* u, ghalhekk, huma offrew li jhallsu lill-ilmentatur il-parti li ghandha x'taqsam mat-*travel*, jigifieri l-ispejjez li tkopri l-polza, bhall-biljetti tal-ajru u tat-*taxis.* Dawn huma offrewhom lill-ilmentatur li ma accettahomx ghaliex ried kumpens talli wegga' u baqa' imwegga'.

Isostni li l-unika parti li *Travel Insurance Policy* tista' taghti kumpens hi l-*Personal Accident Section.* Ix-xhud ipprezenta l-polza shiha bhala DOK GM u s-*Schedule (DOK GM1),* li turi li l-ilmentatur xtara *basic insurance.*

L-ewwel parti tal-*Personal Accident* li ghamel referenza ghaliha l-ilmentatur f'pagni 6 u 7,[3] f'din il-pagna hemm it-tabella. L-ewwel raguni ghall-kumpens hija l-mewt dejjem '*following an accident'* u ghal dan hemm kumpens ta' €5,000. It-tieni raguni hija l-*item, 'Loss of one ormore limbs/and or total loss of sight in one or both eyes',* li wkoll taghti kumpens ta' €5,000.

It-tielet raguni fil-polza hi:

*'Permanent TOTAL disablement after 104 weeks EXCEPT when benefit is paid for loss of limbs or sight',* li taghti wkoll kumpens ta' €5,000.

F'pagna 7 hemm xi tfisser '*Permanent TOTAL Disablement'* li hi relatata ma' xi forma ta' mpjieg li f'dan il-kaz ma japplikax lanqas.

F'pagna 7, taht *Special Conditions applying to Section D* hemm:

*'Permanent Total Disablement is payable only if you are in full time employment at the time of the accident'.*

[2] *A fol.* 111-112
[3] *A fol.* 15 u 16

L-ilmentatur ma kienx *in full time employment* u, allura, ma setghux jilqghu din il-parti tal-*claim* ghax ma sehhx *Permanent Total Disablement,* u anke ghax l-ilmentatur ma kienx jahdem.

Din hija *basic travel insurance policy* u l-parti dwar il-*Personal Accident* tkun limitata anke ghall-fatt li f'din il-polza il-*premium* taghha jkun wiehed baxx.

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[4]**

Dan huwa kaz klassiku fejn l-assikurat jghid li huwa kopert b'polza tal-assikurazzjoni u jippretendi hlas mill-assikurazzjoni ghax garrab incident. Il-provditur tas-servizz jghid li l-incident li garrab l-ilmentatur ma kienx kopert bil-polza.

M'hemmx kontroversja li l-ilmentatur kellu *basic travel insurance* kif jidher mill-iskedaipprezentata mill-provditur tas-servizz immarkata bhala DOK GM1.[5]

Giet ipprezentata wkoll il-polza shiha immarkata bhala DOK GM.[6] Mill-polza il-parti relevanti hi *Section D* li tkopri l-*Personal Accident.*[7] Fit-tabella hemm indikat li galadarba din hija *basic insurance,* il-beneficcji li hemm - li huma fi tliet kategoriji ta' incident - huma ta' €5,000.

Ghalhekk l-ammont li talab l-ilmentatur ta' €20,000 zgur li mhux kopert.

It-tlett eventwalitajiet li huma koperti huma dawn:

1. Jekk ikun hemm mewt li ssehh minhabba xi incident u mhux mewt naturali;
2. Jekk l-assikurat ikollu '*loss of one or more limbs and/or total loss of sight in one or both eyes'.*
3. *Permanent TOTAL disablement after 104 weeks EXCEPT when benefit is paid for loss of limbs or sight'.*

[4] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)
[5] A *fol.* 109
[6] A *fol.* 85 *et seq*
[7] A *fol.* 91

Ghalhekk, l-ewwel zewg eventwalitajiet ma sehhewx, u l-ilmentatur qed jibbaza l-ilment ghall-fatt li kellu fi kliemu stess '*partial disablement'* f'siequ.

Hawnhekk trid issir distinzjoni bejn dik li hija '*permanent partial disablement'* u '*permanent TOTAL disablement'*.

Fl-ewwel eventwalità, id-dizabilità trid tkun parzjali, jigifieri ssehh f'xi parti wahda tal-gisem u normalment ma tpoggix lil dak li jkun f'pozizzjoni li ma jista' jaghmel l-ebda xoghol, sakemm ma jkunx hemm telfien tal-idejn u s-saqajn u anke il-vizta. Fil-fatt, il-polza in kwistjoni tkopri t-telf tal-idejn u t-telf tad-dawl tal-ghajnejn.

Però, din il-polza hija specifika: irid ikun hemm dizabilità TOTALI u permanenti.

Barra minn hekk, l-istess polza tiddefinixxi xi tfisser '*Permanent Total Disablement*' bhala:

'*Permanent and total disablement from engaging in or attending to any kind of profession or occupation'.*

Imbaghad, din id-definizzjoni tkompli tigi kkwalifikata taht *Special Conditions Applying to Section D* fejn huwa spjegat li min igarrab *Permanent Total Disablement* irid ikun f'xoghol *full time* fiz-zmien li jkun sehh l-incident.

L-ilmentatur stess xehed li hu kellu *permanent partial disablement*:

'*Ghamluli xi bolts f'saqajja u qaluli li ser nibqa'* ***b'dizabilità parzjali***[8] *ghal dejjem'.*[9]

Ghalhekk jirrizulta li l-polza ma kinetx tkopri dizabilità parzjali. Barra minn hekk, min igarrab *permanent total disablement* ried ikun impjegat ***full time*** **fiz-zmien li jkun sehh l-incident.**

L-ilmentatur xehed li hu kien pensjonant u kien bi hsiebu jahdem:

---

[8] Enfasi tal-Arbitru

[9] *A fol.* 111

*'Nghid li meta kont mort din il-holiday ma kontx nahden, kont pensioner, però, min-naha l-ohra kont niffranka l-flus ghaliex l-affarijiet tad-dar kont naghmilhom jien ...'* [10]

Minn dan jirrizulta li l-ilmentatur ma kienx jahdem *full time* fil-hin li sehh l-incident u, ghalhekk, anke minn dan il-lat il-polza ma kinetx tkoprih.

L-Arbitru jissimpatizza mal-ilmentatur ghad-dizabilità li sofra, però, kif gie spjegat aktar 'il fuq, il-polza ma kinetx tkoprih ghal dak li gralu.

**Ghaldaqstant, l-Arbitru ma jistax jilqa' l-ilment dwar dan l-incident. Però, jekk l-ilmentatur ghadu ma hax il-kumpens taht il-parti tal-ivjaggar, il-provditur tas-servizz ghadu marbut li jhallas dan il-kumpens lill-ilmentatur li l-Arbitru jissuggerilu li jiehdu.**

**Minhabba n-natura tal-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[10] *A fol*. 111